**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**John Mary Azzopardi**

**Kumpilazzjoni numru 559/2012**

**Illum 28 ta' Settembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **John Mary Azzopardi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0623760 (M) billi huwa akkuzat talli nhar it-23 ta' Mejju 2012 gewwa numru 6, Triq il-Qawsalla, Msida u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Talli bil-hsieb li jikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Mario Farrugia li ghandu numru tal-karta tal-identita' 291170 (M), ai termini tal-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-imputat.
2. Ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta' Mario Farrugia li ghandu numru tal-karta tal-identita' 291170 (M), detentur ta' numru tal-karta tal-identita' 408966(M) hekk kif iccertifika Dr. C. Mizzi M.D. tal-Isptar Mater Dei.

3. U aktar talli garr strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi fil-kaz ta’ sejbiex ta’ htija minbarra mal-piena applikabbli, tapplika l-garanzija ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet datat 30 ta’ Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim’Imhallef.

Semghat il-provi inkluz ix-xiehda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz sehh fit-23 ta’ Mejju 2012 meta l-imputat li kien fi stat agitat u taht l-effett tad-droga kellu argument ma’ Mario Farrugia li kien jghix fl-istess dar. F’dan l-incident Farrugia spicca bi griehi gravi wara li allegatament intlaqat b’sikkina, liema sikkina qatt ma nstabet.

Minn dakinhar l-imputat heles mill-vizzju tad-droga u dan wara programm residenzjali ghand il-Caritas. Huwa baqa’ jattendi ghal seduti apposta ta’ follow up ghal dawk li jispiccaw b’success il-programm u jiggradwaw. L-imputat illum ghandu xoghol stabbli.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Qorti se tiehu l-opportunita' li twassal silta mid-diskors tal-Papa Franġisku lil dawk li ħadu sehem fil-31 edizjoni tal-"International Drug Enforcement Conference" nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2014 dwar il-vizzju tad-droga.

*"Il-flaġell tad-droga qed ikompli jinxtered f'forom u f'dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi frunitieri nazzjonali u kontinentali. U b'hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti. Quddiem fenomenu bħal dan, inħoss il-ħtieġa li nuri n-niket u l-preokkupazzjoni tiegħi.*

*Irrid ngħid b'mod ċar ħafna li d-droga ma tintrebaħx bid-droga! Id-droga hi xi ħaġa ħażina, u fejn hemm dak li hu ħażin la tista' ċċedi u lanqas tagħmel kompromessi. Żgur li l-problema ma ssolvix ruħha billi wieħed jaħseb li ser inaqqas il-ħsara jekk jagħti permess li jintużaw psikofarmaċi minn dawk il-persuni li jkomplu jagħmlu użu mid-droga. Il-legalizzazzjoni ta' dawk li jissejħu "drogi ħfief", anki jekk din tkun parżjali, mhux biss hi xi ħaġa diskutibbli fuq livell leġiżlattiv, iżda lanqas ma twassal għall-effetti maħsuba. Imbagħad, id-drogi sostituttivi mhumiex terapija suffiċjenti, imma huma mod mistur kif wieħed iċedi għal dan il-fenomenu. Nerġa' nisħaq fuq dak li ġa għidt f'okkażjoni oħra: le għal kull tip ta' droga. Sempliċiment. Le għal kull tip ta' droga. ( ara Udjenza ġenerali, 7 ta' Mejju 2014). Iżda biex ngħidu din il-le, jeħtieġ li ngħidu iva għall-ħajja, iva għall-imħabba, iva għall-oħrajn, iva għall-edukazzjoni, iva għall-isport, iva għax-xogħol, iva għal aktar opportunitajiet ta' xogħol. Naħsbu ftit f'dak iż-żagħżugħ li hu bla xogħol. Ikolli ngħid li dawk bla xogħol fl-Ewropa jgħoddu mal-75 miljun; hekk minn għalija, imma miniex ċert u ma rridx ngħid xi ħaġa li ma tkunx. Imma ejjew naħsbu ftit f'dak iż-żagħżugħ li la jagħmel ħaġa u lanqas oħra; la jistudja u lanqas jaħdem. Isib ruħu fejn m'hemmx xefaq, fejn m'hemmx tama, u l-ewwel ħaġa offruta jkunu d-dipendenzi, u fost dawn*

*id-droga. Jekk iseħħu dawn "l-iva", ma jkunx hemm post għad-droga, ma jkunx hemm post għall-abbuż mill-alkohol jew għall-dipendenzi oħra.*

*Il-Knisja, fidila lejn il-mandat ta' Ġesù biex tmur kulfejn hemm xi ħadd li qed ibati, xi ħadd bil-għatx, xi ħadd bil-ġuħ, xi ħadd fil-ħabs (ara Mt 25,31-46), m'abbandunatx lil dawk li waqgħu fin-nassa tad-droga, imma marret tiltaqa' magħhom bl-imħabba kreattiva tagħha. Qabdithom minn idejhom, permezz tal-ħidma ta' tant operaturi u volontarji, biex huma jiskopru mill-ġdid id-dinjita' tagħhom u għenithom biex jerġgħu jagħtu l-ħajja lil dawk ir-riżorsi, lil dawk it-talenti personali li d-droga difnet imma ma setgħetx teqred la darba kull bniedem hu maħluq fuq is-sura u x-xbieha t'Alla (ara Gen 1,26). Iżda din il-ħidma ta' rkupru hi limitata ħafna, mhijiex biżżejjed. Hemm bżonn issir ħidma ta' prevenzjoni. Din tagħmel ħafna ġid.*

*L-eżempju ta' tant żgħażagħ li xewqana biex jinħelsu mid-dipendenza għad-droga jimpejaw ruħhom biex jerġgħu jibnu ħajjithom mill-ġdid, hu stimolu biex wieħed iħares 'l quddiem b'fiduċja."*

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li*

*huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti qieset ukoll li issa kwazi ghaddew tliet snin mill-kommissjoni tar-reat, li l-imputat  jahdem, ghamel kors residenzjali f'San Blas mal-Caritas u ghadu jattendi kull xahar ghal sessjonijiet ta' *follow up* tal-istess kors.

Ghalhekk f'dan il-kaz thoss li hu applikabbli dak li rriteniet il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Nikola Farrugia et**." [2.10.2002] u cioe' li:-

"*... t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz- zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."*

**Decide:**

Jidher li f'dan il-kaz l-imputat zamm lura mill-ksur tal-ligijiet fil-perkors ta' dan il-process twil u dan jinduci lil din il-Qorti li tapplika fil-kaz tieghu id-dispozizzjoni tas-sentenza sospiza.

Il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah tlett xhur prigunerija.

A tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, qed tordna li din is-sentenza m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' sena mill-lum, l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija .

Il-Qorti qed tispjega bi kliem car lill-appellant ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk hu jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul sena mil-lum.

___________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

_____________________

Margaret De Battista

Deputat Registratur